MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 31/2012/1

**Thomas Smith Insurance Agency Limited agenta ta' GasanMamo Insurance Ltd u l-istess GasanMamo Insurance Ltd**

**Vs**

**Anthony Camilleri u b'digriet tas-17 ta' Frar 2015 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem Anthony Camilleri ghal fuq isem MaryAnne Camilleri, Diane Camilleri, Ronald camilleri, Rita mart Joseph Schembri, Nadine Camilleri u Antoine Camilleri stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza.**

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tat-22 ta' Novembru 2013 li biha giet michuda t-talba tal-appellanti sabiex l-appellat jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €2,204.75 bhala rifuzjoni ta' danni li hallset fl-interess tieghu bhala kumpannija assikuratrici wara incident tat-traffiku li sehh fit-12 ta' Jannar 2012 meta waqt li l-appellat kien qieghed isuq il-vettura CBD 639, ikkaguna hsarat fil-vetturi CDB 563 u GAU 256. It-talba ghar-rifuzjoni fuq il-premessa li l-polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura CB#D 639 ma kenitx tkoprih peress li fil-hin tal-incident l-appellat kien qieghed isuq taht l-influwenza

tal-alkohol. L-appellanti bbazat il-kawza fuq klawzola fil-polza li tghid li ma tkoprix lill-assigurat ghal:-

*"Loss, damage, cost or expenses of whatsoever nature directly or indirectly caused by the driver at the time of the accident was under the influence of alcohol in excess of what is allowed under the legislation of the country* [where] *the accident occurred or drugs".*

It-Tribunal ikkonkluda li l-attrici ma kenitx tat prova li fil-hin tal-incident il-konvenut kellu livell ta' alkohol *".... in excess of what is allowed under the legislation of the country [where] the accident occurred....".* Ghalhekk cahad it-talba.

Il-kumpannija appellanti appellat (12 ta' Dicembru 2013) fejn l-aggravjii taghha huma:-

1. Apprezzament zbaljat tal-provi;
2. L-interpretazzjoni zbaljata li nghatat lill-klawzola numru 11 tal-polza ta' assikurazzjoni.

L-appellat ipprezenta twegiba (fol. 165) fejn bazikament sahaq li l-appellat ibati minn kundizzjoni medika u kkontesta li dakinhar tal-incident kien ikkonsma l-alkohol.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Kull parti ghall-kuntratt ghandha twettqu bi *buona fede*. Ghal finijiet tal-kuntratt ta' assikurazzjoni l-appellat kellu d-dmir li jikkopera mal-pulizija. Ghalkemm xehed li rrifjuta li jaghmel it-test minhabba l-mod kif gie trattat mill-pulizija, il-qorti ma temmnux. Anzi l-provi juru li kien hu li mill-ewwel wera atteggjament aggressiv mal-pulizija, u sahanistra hebb ghalihom. Dan l-atteggjament wassal sabiex il-pulizija kellhom jarrestawh u l-appellat kompla joffri r-rezistenza.

2. Jekk wiehed kellu jinterpreta l-klawzola bil-mod li ghamel it-Tribunal, fejn l-assigurat jirrifjuta li jippartecipa fit-test tan-nifs sabiex jigi determinat il-livell ta' alkohol, ikun ifisser li kumpannija assiguratrici qatt mhi ser tkun f'posizzjoni li tipprova li l-assigurat kien qieghed isuq il-vettura assigurata taht l-influwenza tal-alkohol. Fil-fehma tal-qorti l-klawzola numru 11 ghandha tigi nterpretata b'tali mod li jkollha effett, irrispettivament jekk l-assigurat jaghzilx li jikkopera jew le mal-pulizija sabiex isirlu t-test tan-nifs.

3. Mix-xhieda li nstemghet il-qorti m'ghandix dubju li l-appellat kien xorob l-alkohol. Pero' m'huwiex maghruf il-volum li kkonsma qabel sehh l-incident. L-appellat xehed li ma xorobx[1]. Il-qorti ma temmnux. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li qal:-

   (a) Il-psikjatra Dr John Borg fil-proceduri kriminali **l-Pulizija vs Anthony Camilleri** (1/2012), fejn spjega li l-appellat ghandu l-vizzju tax-xorb (fol. 121);
   (b) Is-surgent 676 Edelon Spiteri li kkonferma li l-appellat *"... stajt ninnota li s-Sur Anthony Camilleri* ***kellu xi riha fuqu ta' alkohol****, u l-mod ta' kif kien qed jithadded ma kienx ta' bniedem tas-soltu. Dan fil-fatt talabna biex imur it-toilet. U x'hin ghidtlu li qabel ma jaghmel it-test ma jistax imur it-tolet, dan qabad u ghamel l-affarijiet tieghu hemm"* (fol. 83).
   (c) Il-Kuntistabbli 1548 Victor Theuma xehed: *"Hadnih lejn l-isptar. L-isptar ma riedx joqghod hemm.* ***Kellu riha ta' xorb****. Ma riedx joqghod hemm allura kellna nghabbuh ahna. Biex dahhaltu fil-karozza kelli ngieb, ghax kellu l-qalziet imcappas, kien ghamel tahtu. Gibt hrieqi kbar mill-Isptar. Imbaghad dahal l-ghassa. Meta qalulu bil-breathilyser u qal li ried imur it-toilet u hu qallu issa mbaghad mur, u dan ghamel tahtu".*
   (d) Is-surgent 715 Lucian Gatt ikkonferma li l-appellat kellu riha ta' xorb; *"Anke l-attitudni tieghu kif kien, kien jidher li xorob ammont konsiderevoli"* (fol. 85).
   (e) L-Ispettur Frank Tabone xehed*:-"Gieni suspett li kien taht l-effett tal-alcohol minhabba 'l fatt li l-mod kif kien qed jimxi s-sur Camilleri u l-mod ta' kif kien qed jagixxi, kien ta' persuna mhux normali"* (fol. 54).

Hu minnu li 'l fatt li persuna jkollha riha ta' alkohol ma jfissirx li m'hijiex kapaci ssuq. Madankollu kif sehh l-incident hu fih innifsu pprova li l-appellat ma kellux kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq. Jirrizulta li l-appellat habat f'zewg vetturi weqfin. Fir-rapport tal-pulizija jinghad:-

*"Today the 12/01/2012 at around 11.25 hrs, personnel from the United States of America requested police assistance due to the fact that whilst they were in the parked embassy's vehicle with Reg No. CDB563 along Triq Chambray, Ghajnsielem, vehicle Reg No. CBD639 which was being driven from Ghajnsielem Square along Chambray Street, collided into their vehicle, continued on its way, collided into another parked and unattended vehicle with Reg No GAU 256 and fled away"* (fol. 44).

L-appellat ghamel riferenza ghad-deposizzjoni tat-tabib Dr Martin Cutajar li xehed fil-proceduri kriminali (fol. 117-118). Ix-xhud qal li l-appellat ibati minn *Organic Brain Syndrome* u qal li din teffetwa 'l mod kif jevalwa l-informazzjoni u wkoll dik li rrefera ghaliha bhala motor activity fis-sens li *".... Jekk trid tmur minn post ghall-iehor trid toqghod tahseb*

[1] *"Mistoqsi mit-Tribunal jekk dakinhar kontx xrobt, nghid li assolutament dakinhar ma kont xrobt xejn"* (97).

*kif se tmur....".* Semma wkoll li kien hemm drabi meta l-appellat kellu *blackouts*, ghalkemm Dr John Borg xehed li min-notamenti li kien hemm fil-file mediku tal-appellat, *".... m'hemm l-ebda accenn ghal blackouts"* (fol. 124). Jidher li l-appellat qieghed isostni li dak li gara kien minhabba l-kundizzjoni medika li ghandu. Il-qorti m'hijiex konvinta. L-appellat qieghed jipprova jiskuza l-agir tieghu billi jiggranfa ma' kundizzjoni medika. Pero' l-atteggjament tal-appellat fil-konfront tal-pulizija li nvestigaw il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak li ddeskriva Dr Cutajar. Fit-twegiba l-appellat ghamel riferenza ghal sit fuq l-internet PsychNet-Uk fejn hemm spjegazzjoni ta' *organic brain syndrome*, u b'dan il-mod ipprova jsahhah l-argument tieghu li l-agir tieghu ma kienx minhabba li kien fis-sakra izda kien rizultat tal-mard li ghandu. L-estratt li gie ccitat fit-twegiba tal-appell ma tikkwalifikax bhala prova. Il-provi huma dawk li tressqu quddiem it-Tribunal u li fuqhom inghatat is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2013. L-uniku prova li ressaq l-appellat dwar il-kundizzjoni medika tieghu hi t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Dr Martin Cutajar u Dr John Borg li nstemghet fil-proceduri kriminali. Minn imkien ma jirrizulta fl-atti li l-kundizzjoni medika li ghandu l-appellat kellha twassal ghal dik it-tip ta' reazzjoni li kellu meta sab lill-pulizija ma' wiccu.

L-appellat ressaq ukoll bhala xhud lill-ohtu, Rose Xuereb, sabiex tikkorabora l-verzjoni tieghu. Xehedet:

*"Mistoqsija mit-Tribunal jekk id-diskursata li ghamilt ma hija f'dawn l-ghaxar minuti kienetx wahda normali jew kinitx wahda li setghet tindika li hija kien f'xi stat ta' sakra,* ***nghid li hija kien qed jitkellem normali pero' kot naf li hu kien qed jiehu xi pilloli li setghu jaffettwawlu r-ragunament*** *tieghu ......"* (fol. 110).

Jekk is-sitwazzjoni kienet dik li ddiskreviet ix-xhud, kif bdiet tiddiskuti mieghu t-testment tal-genituri?; *"..... kont qed naghmillu ftit kafe u kont ghidtlu li* ***xtaqt li noqghod ghal dak li kitbu l-genituri tieghi fit-testment taghhom u li ma xtaqtx invarja jew naccetta dak li kien qed ighidli hu****....."* (enfazi mizjuda, fol. 109).

Il-qorti ma tistax tistrieh fuq ix-xhieda ta' oht l-appellat li jidher li kienet iktar interessata li tiddefendi lil huha milli tghid il-verita'. Hekk per ezempju meta giet infurmata li kien hemm ufficjali tal-pulizija li qalu li xammew riha ta' xorb hierga minn halq l-appellat, qalet: *"jista' jkun li l-pulizija qalu hekk ghax hu ghandu dik it-tikketta"* (fol. 111). Suspettuz ukoll hu kif qalet li wiegbet it-telefon ghaliex l-appellat qalilha li ma kellux in-nuccali tal-qari, filwaqt li l-appellat xehed: *"Waqt li kont qed niehu l-kafe' cempel il-mobile. Ohti qaltli jekk inhu private twiegbux"* (fol. 97). Dan apparti li jekk verament l-appellat ibati minn *blackouts*, mhux suppost li kien isuq.

It-Tribunal qal li:-

*"… ma hemmx prova ta' l-ammont ta' alcohol fid-demm u galadarba l-prezunzjoni kkontemplata mil-ligi hija applikabbli biss ghal finijiet kriminali u ghalhekk ma tistax tigi mportata ghal dan il-kaz, ghandu jigi ritenut illi l-kaz ma giex pruvat".*

L-ghoti ta' kampjun ghall-analizi hi regolata mill-Artikolu 15E tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-provvediment jinghad li l-ghoti ta' kampjun issir fuq talba tal-Pulizija *"… sabiex jigi deciz **jekk persuna ghamlitx xi reat** taht l-artikoli 15A u 15B(1)…..".* Subinciz (4) jipprovdi li fejn il-persuna tirrifjuta li taghti tali kampjun, *"….. titqies li l-proporzjon ta' alcohol fid-demm ta' dik il-persuna ikun izjed mil-limitu preskritt".* Presunzjoni li tapplika biss ghal finijiet ta' dak il-provvediment. Madankollu l-qorti hi tal-fehma li l-appellat irrifjuta li jiehu l-kampjun ghaliex kellu x'jahbi. Il-kundizzjoni numru 11 tal-polza hi ntiza sabiex l-assigurat jinzamm responsabbli fejn isuq vettura li ma jkollux il-kapacita' li jikkontrolla minhabba li jkun ikkonsma ammont ta' alkohol. 'Il fatt li l-appellat volontarjament irrifjuta milli jaghti kampjun tan-nifs, m'ghandux jippremjah. B'daqshekk ma jfissirx li l-qorti ma tistax toqghod fuq provi ohra sabiex tistabbilixxi jekk kienx qieghed isuq taht l-effett ta' alkohol u kellux il-kontroll tal-vettura li kien qieghed isuq. Il-mod kif sehh l-incident hi prova fiha nnifisha li l-appellat ma kellux il-kontroll tal-vettura. Il-qorti hi moralment konvinta li l-appellat kien xorob l-alkohol u tilef il-kontroll tal-vettura ghal darbtejn proprju minhabba li l-alkohol ma ppermettilux li jkollu kontroll shih fuq il-vettura li kien qieghed isuq. Fil-fehma tal-qorti 'l fatt li sehh l-incident bil-mod kif sehh, fih innifsu hu prova li fil-hin tal-incident l-appellat ma kellux il-kapacita' li jsuq. Mill-provi li tressqu l-qorti tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilta:

(a) L-appellat kien qieghed isuq taht l-influwenza tal-alkohol li kien in eccess ghal dak li tippermetti l-ligi. M'hemmx dubju li l-appellat kellu l-vizzju tax-xorb.

(b) F'kull kaz kien x'kien il-livell ta' alkohol li kellu fil-hin tal-incident, hu evidenti li ma kienx jippermettilu li jkollu l-kontroll shih tal-vettura tieghu. L-alkohol kien il-fattur li wassal sabiex l-appellat jitlef il-kontroll tal-vettura u jahbat ma' zewg vetturi u jibqa' sejjer fi triqtu qiesu xejn mhu xejn, u jwasslu biex ighid li lanqas biss jaf li habat. Tant kellu livell gholi ta' alkohol li wara li gie arrestat u ttiehed fl-ghassa tal-pulizija, ghamel 'il bzonnijiet tieghu fir-reception area tal-ghassa ; *"Dan fil-fatt talabna biex imur it-toilet. U x'hin ghidtlu li qabel ma jaghmel it-test ma jistax imur it-toilet, dan qabad u ghamel l-affarijiet tieghu hemm"* (Surgent 676 Edelon Spiteri).

Ghal dak li jikkoncerna l-incident, jirrizulta li kien hemm xhieda okulari. Fil-fatt fir-rapport tal-pulizija (fol. 37) jinghad li wahda mill-vetturi li garrbet il-hsara kienet Peugeot CDB 563 li fiha kien hemm tnejn min-nies. Dawn infurmaw lill-pulizija li kienu fil-vettura wieqfa u vettura bin-numru CBD 639, li wara rrizulta li hi tal-appellat, laqtghet il-vettura li kienu fiha u baqghet sejra u laqtghet vettura ohra bin-numru GAU 256.

Fl-eccezzjoni li ta quddiem it-Tribunal l-appellat qal li:

(a) l-azzjoni hi intempestiva ghaliex ma kienx gie notifikat b'ittra ufficjali. Ma kien hemm l-ebda obbligu li l-appellanti tipprezenta ittra ufficjali. Jirrizulta li l-appellat kien ircieva ittra legali, u hu evidenti li mill-bidunett kien ikkontesta li kien debitur tal-appellanti. L-ittra ufficjali ma kienet ser tibdel xejn. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi frivola.
(b) huwa kien hallas l-excess (€55) u l-appellanti ghandha obbligu li tkoprih. Jirrizulta li fit-3 ta' Frar 2012 l-appellat kien hallas is-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55) bhala excess minhabba l-claim li ghamel. Hu evidenti li dan kien ftit granet wara li sehh l-incident. Li kumpannija assiguratrici tircievi claim u hlas ta' excess minghand l-assigurat, ma jfissirx li b'daqshekk tkun qeghda tirrinunzja ghad-dritt taghha li titlob rifuzjoni minghand l-assigurat taghha jekk jirrizulta li jkun kiser kondizzjoni fil-polza bhal dik in ezami. Sa dak l-istadju l-kumpannija assiguratrici tkun ghadha ma ghamlitx l-indagni dwar il-mod kif sehh l-incident. Ghalhekk il-hlas li sar mill-appellat ma jtellifx il-jedd tal-appellanti milli titlob rifuzjoni tal-kumpens li hallset lil terz biex b'hekk wettqet l-obbligu li ghandha fil-konfront tad-danneggati skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-ammont ta' danni li qeghdin jigu reklamati, l-appellanti pprezentat ir-ricevuti tal-hlas kif ukoll is-surveyors li spezzjonaw il-vettura. Min-naha tal-appellat ma ressaq l-ebda kontestazzjoni dwar dawn il-provi.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' l-appell u filwaqt li thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-22 ta' Novembru 2013, tichad l-eccezzjonijiet tal-appellati u tilqa' t-talba tal-appellanti u tikkundanna lill-appellati jhallsu s-somma ta' elfejn mija u disgha u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2,149.75)[2], bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba (26 ta' Ottubru 2012) u bl-ispejjez kontra l-appellati**.

## < Sentenza Finali >

[2] Mis-somma mitluba mill-appellanti l-qorti naqset is-somma ta' €55 li l-appellat hallas bhala excess.

---------------------------------TMIEM---------------------------------